MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 900/2006

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Paul Hili**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta` Ottubru, 2006 fejn qed jigi mitlub li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta` mitejn u wiehed u sebghin lira, sebgha u ghoxrin centezmu (Lm271.27) lis-socjeta` attrici rapprezentanti kontijiet ma` mobile phone number 99491332.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghal l-imsemmija talba.

Ra li l-konvenut ghalkemm imsejjah tlett darbiet baqa` ma deherx ghas-seduta ta` llum.

Sema` ix-xhieda ta` l-Avukatessa Nadia Vella li tteghlet mis-socjeta` attrici u bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas is-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta` mitejn u wiehed u sebghin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm271.27) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------